**3 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Noel Farrugia

**Esebizzjoni Formali ta' Oġġetti - Konfiska ta' Armi**

*M'humiex ta' ostakolu għall-esebizzjoni formali ta' oġġett taħt l-awtorita' tal-Qorti l-fatt li dak l-oġġett ma jkunx fil-pussess materjali ta' min qiegħed jesebih, purche' tali oġġett jiġi identifikat a sodisfazzjon tal-Qorti bħala l-istess oġġett elevat.*

*L-artikolu 19 tal-Kapitolu 66, rigward il-konfiska ta' armi, ma jagħmel ebda eċċezzjoni għall-proprjeta' ta' terzi bħalma jagħmel l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Noel Farrugia talli fil-21 ta' Apirl, 1994 wara r-*Runway* il-Qadima fil-post magħruf bħala Ta' Ġawhra, limiti tal-Gudja (1) ġarr arma (senter numru 151855)

meta ma kellux liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex iġorr, ikollu fil-pussess, jew kontroll ta' l-arma tan-nar jew munizzjoni; (2) kellu arma tan-nar ikkargata li kienet barra mill-għata tagħha meta kien anqas minn ħamsin metru minn toroq fejn jgħaddu vetturi bil-mutur; (3) kellu s-senter ikkargat b'aktar minn żewġt iskrataċ fil-*magazine*; (4) kien akkużat ukoll talli fl-istess ħin ġarr arma tan-nar jew fittex jew dar għall-kaċċa jew ipprova jikkaċċja għasafar meta ma kellux fuqu l-karta ta' l-identita` u l-liċenzja maħruġa fuq ismu mill-Kummisarju tal-Pulizija skond il-liġi; l-ewwel Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti kif ukoll tordna li l-imsemmi Noel Farrugia ikun skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja għall-kaċċa għall-perijodu ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Noel Farrugia ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' Lm50 u ordnat il-konfiska tas-senter;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Noel Farrugia, minnu ppreżentat fis-16 ta' Settembru, 1994, li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' ħamsin lira, tirrevokaha in kwantu ordnat il-konfiska tas-senter tal-marka Breda numru 151855;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi dana l-appell hu limitat għall-ordni ta' konfiska tas-senter aktar 'il fuq imsemmi. Il-Qorti għal kull buon fini tirrileva li l-

piena ta' multa ta' Lm50 inflitta mill-ewwel Qorti hi ferm taħt il-minimu stabbilit mil-liġi. Biżżejjed jingħad li skond l-artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) liema artikolu l-appellant instab ħati li kiser minn dik il-Qorti, il-minimu tal-piena hu ta' xahrejn priġunerija u l-Qorti ma tistax tinżel taħt il-minimu minħabba dak ipprovdut fl-artikolu 27 ta' l-imsemmija Ordinanza. Pero' f'dan il-każ m'hemm ebda appell dwar il-piena da parti tal-prosekuzzjoni, la taħt l-artikolu 30 tal-Kap. 66 u anqas taħt ir-regolament 25(5) ta' l-A.L. 146/1993;

Illi kwantu għall-konfiska tas-senter tal-marka Breda numru 151855, l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli dana s-senter ma ġiex materjalment esebit fl-atti tal-kawża iżda ġew esebiti biss żewġ ritratti, liema ritratti, skond l-appellant, ma kinux l-aħjar prova u dejjem fi kliem l-appellant: "ma setgħux iwasslu biex l-istesss *shotgun* jiġi identifikat b'mod legali (kif titlob il-liġi tal-proċedura) illi l-persuni li xehdu dwaru, liema (persuni) ma setgħu qatt jikkonfermaw li l-oġġett esebit (permezz ta' ritratt) kien l-istess oġġett minnhom elevat". In sostenn ta' dana l-aggravju l-appellant għamel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Settembru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Camilleri**. Fuq dan l-aggravju, pero', l-appellant m'għandux raġun. Kif din il-Qorti diġa' kellha okkażjoni li tosserva fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Jannar, 1995 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Farrugia**, dak li hu essenzjali hu li l-oġġett esebit, sia jekk formalment sia jekk materjalment, jiġi identifikat a sodisfazzjon tal-Qorti bħala l-istess oġġett elevat. Fil-każ odjern, is-senter ġie esebit formalment mill-istess persuna - WPS 45 Marisa Bartolo - li elevatu (flimkien ma' uffiċjali oħra tal-pulizija); din l-identifikazzjoni saret permezz tar-ritratti li juru b'mod ċar mhux biss is-senter iżda anke s-*serial number* tiegħu u inoltre, l-imsemmija surġent identifikat fuq l-

irċevuta a fol. 3 tal-proċess il-firma ta' l-appellant (liema irċevuta tindika wkoll is-senter bis-*serial number* tiegħu). Għalhekk l-oġġett esebit taħt l-awtorita` tal-Qorti ġie debitament identifikat. Din hi sitwazzjoni ferm differenti minn dik li din il-Qorti kellha quddiemha fil-każijiet **Il-Pulizija *vs* George Schembri** (deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-23 ta' Settembru, 1994) u **Il-Pulizija *vs* Joseph Camilleri** (ċitata mill-istess appellant). Fl-ewwel każ, l-oġġetti ġew formalment esebiti quddiem il-Qorti Inferjuri minn uffiċjal tal-pulizija li fl-istadju ta' l-appell ma xehedx, b'mod li ħadd mix-xhieda l-oħra ma seta' jidentifika l-apparat ta' l-insib minnu esebit bħala l-istess apparat elevat mingħand l-imputat. Fit-tieni każ, l-oġġetti elevati ġew esebiti formalment minn persuna li ma kinitx hi li elevathom b'mod ukoll li min kien effettivament elevahom ma seta' jidentifika xejn fil-Qorti. Għalhekk kif ingħad, dana l-aggravju qed jiġi respint;

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma setgħetx tordna l-konfiska tas-senter in kwistjoni peress li dana s-senter ma kienx tiegħu iżda ta' missieru. L-appellant jibbaża l-argument tiegħu fuq is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari fuq dik il-parti ta' dana s-subartikolu li tgħid "barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti". Issa, bħala fatt jirriżulta, mid-deposizzjoni tas-Surġent Marisa Bartolo, li s-senter in kwistjoni hu liċenzjat fuq l-appellant. F'dan il-każ, pero` japplika wkoll l-artikolu 19 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) liema artikolu jgħid testwalment: "Il-konfiska ta' arma tan-nar, munizzjoni, arma regolari jew ponn tal-ħadid jew ta' metall iebes ieħor li tinżamm jew tinġieb fuq il-persuna (*kept or carried*, fit-test Ingliż) b'kontravvenzjoni". L-appellant instab ħati wkoll taħt din l-Ordinanza u dan a differenza ta' dak li ġara fil-każ **Il-Pulizija *vs* Claudio Cortis**, Appell

Kriminali, 1/3/52, ċitat mill-appellant fir-rikors tiegħu, fejn l-imsemmi Cortis jidher li kien akkużat u nstab ħati biss taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Fil-każ odjern l-appellant Farrugia ġie akkużat li ġarr, jiġifieri li kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar bi ksur ta' l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 66 u fil-fatt l-ewwel Qorti sabitu ħati ta' dik l-akkuża. Skond ix-xhud Surġent Marisa Bonello is-senter ġie elevat minn idejn l-appellant. L-appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn sabitu hekk ħati u għalhekk il-konfiska tas-senter in kwistjoni hi konsegwenza awtomatika tal-kontravvenzjoni ta' l-Ordinanza dwar l-Armi mingħajr il-ħtieġa li tali konfiska tiġi espressament imsemmija fis-sentenza. L-artikolu 19 tal-Kap. 66 ma jagħmel ebda eċċezzjoni għall-proprjeta' ta' terzi bħalma jagħmel l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.